MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Numru. 1318/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**EMANUEL BALZAN ta' 35 sena, iben Joseph u Lucia nee' Pace, imwieled Attard nhar is-26 ta' Jannar, 1977, resident fil-fond Victoria Court, Flat 6, Triq San Timotju, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 128177M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **<u>Emanuel Balzan</u>** li gie akkuzat talli:

1. F'Novembru u Dicembru 2009, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz

jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ Rita Simpson detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 47752A, ai termini tal-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ s-somma ta’ €4,322 ghad-dannu ta’ Rita Simpson detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 47752A, ai termini ta’ l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li fi stadju ta’ interrogatorju, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe’:

a. Fl-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. Fl-Artikoli 18 u 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-Artikoli 17, 23, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moqrija l-Artikoli fis-seduta ta’ nhar id-19 ta’ Jannar, 2012, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal prcoeduri sommarji.

Rat ukoll illi fl-istess seduta, cioe’ 19 ta’ Jannar, 2012, l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif

dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li nghata zmien xieraq mill-Qorti sabiex jahseb fuq l-istess.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mit-trattazzjoni ta' l-Avukat Difensur, din il-Qorti giet mistiedna li ma tinflingix Ordni ta' Restituzzjoni taht l-Artikolu 286, dan ghaliex l-imputat m'ghandux mezzi biex jasal jonora dan.

Ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda tikkundannah ghal piena ta' prigunerija effettiva ta' sena u nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------